Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 27**

**Data:** L-Erbgħa, 20 ta' Marzu 2024
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov - Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**27.1 Ittri ta' apoloġiji**

27.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi, is-Sur Jesmond Aquilina u s-Sur Steven Axisa talbu li jkunu skużati.

27.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti li jitniżżlu bħala skużati.

**27.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 26**

27.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

27.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**27.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 27**

27.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mill-Kav. Paul Farrugia u s-Sur Clifford Galea Vella, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-23 ta' Frar 2024 u l-20 ta' Marzu 2024 li kienet tammonta għal €178,608.74.

**27.4 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **27.4.1 RIGHTS** | Il-President semma li kien qed isir it-taħriġ minn The Malta Foundation for the Wellbeing of Society. Semma wkoll li kienu ser jibdew laqgħat mal-Kunsilli Lokali individwali. |
| **27.4.2 MIEMA** | Il-President semma li għalissa dan il-ftehim ġie sospiż minħabba li dak li qed jiġi propost mill-MIEMA huwa ffirmar ta' statut. Il-President semma li fuq parir tal-avukat għalissa ma nipproċedux b' dan l-iffirmar. |
| **27.4.3 MCAST Apprenticeship** | Il-President semma li kienu bdew 4 appretistati mal-Assoċjazzjoni. Semma wkoll li dawn qed jitħalsu bi ftit Euro fix-xahar hekk kif stipulat mill-linji gwida tal-MCAST. Semma wkoll li fuq is-salarju m'hemmx ħafna x' tagħmel peress li dan jitħallas fuq direttivi maħruġa mill-MCST stess. Semma li sejrin |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

tajjeb ħafna u l-iskop huwa li dawn jibqgħu jaħdmu mal-Kunsilli Lokali wara dawn is-sentejn fl-apprentistat.

| | |
|---|---|
| **27.4.4 INDIS** | Il-President semma li saret laqgħa mal-INDIS. Semma li ser ikun hemm infurzar biex titneħħa grada li saret b' mod illegali fuq in-naħa ta' wara tal-binja minn terzi persuni sabiex l-aċċess jerġa' jiġi wieħed liberu. Semma li għandha tiġi emendata l-pjanta u wara jiġi ffirmat il-kuntratt. |
| **27.4.5 All Digital National Coordinator** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed taħdem fuq il-launch ta' din l-inizjattiva. Semma wkoll li f' Novembru ser ikun hemm All digital Summit ġewwa Madrid u stieden lir-Reġjuni sabiex min jixtieq ikun jista' jattendi wkoll. Semma wkoll li ser jinżamm l-AGM ġewwa Brussel u li għalih ser tkun qed tattendi impjegata tal-Assoċjazzjoni li ħadmet mas-Segretarju Eżekuttiv fuq din l-inizjattiva u sabiex daħħalna applikazzjoni ta' interess sabiex is-Summit tas-sena 2025 issir Malta. |
| **27.4.6 MCA Seminar** | Il-President semma li sli għandu jsir kumitatt ad hoc sabiex jitfasslu proposti u policies abbażi ta' dak li ħareġ mis-seminar. |
| **27.4.7 Laqgħa mas-Segretraju Permanenti** | Il-President semma li kienet intalbet laqgħa ta' introduzzoni mas-Segretarju Permanenti s-Sur Kevin Mahoney. Il-President semma li kien għadu qed jistenna data għal-laqgħa peress li d-dati li ngħtaw kienu ġew ikkanċċellati fl-aħħar ħin mis-Segretarju Permanenti stess. |
| **27.4.8 Laqgħa ma' Shadow Minister għall-Gvern Lokali** | Il-President semma li ser issir laqgħa ta' introduzzjoni wkoll mal-Onor. Dr. Chris Said li kellha issir illum stess ġiet posposta mill-Onorevoli stess minħabba impennji li kellu. |
| **27.4.9 Servizz Pubbliku Expo** | Il-President semma li kien talab laqgħa oħra mal-Uffiċjali mill-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti sabiex jara l-involvinent tal-Assoċjazzjoni ser ikunu peress li inizjalment kienet saret talba mill-istess uffiċju sabiex l-AKL tipparteċipa. |
| **27.4.10 It-Tieni Laqgħa mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali** | Il-President semma li kienet saret laqgħa oħra. Semma li b' diżappunt ħafna mill-affarjiet li ġew diskussi kien għadhom ma sar xejn fuqhom. Semma li għaldaqstant ma kienx hemm avvanzi mill-ewwel għat-tieni laqgħa. Semma li kienet |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

inżammet laqgħa wkoll quddiem l-Ombusdman u li minnha ħareġ li jrid ikun hemm aktar kooperazzjoni, kollaborazzjoni u komunikazzjoni bejn l-Uffiċju tas-Segretrju Permanenti, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kif ukoll l-Assoċjazzjoni. Semma li ħarġet ukoll l-importanza li d-Diviżjoni tikkonsulta mal-Assoċjazzjoni.

**27.4.11 You Matter**

Il-President semma li kollox huwa preparat sabiex jiġi imnidi l-programm You Matter nahar it-13 t' April. Semma li kienu ġew mistiedna wkoll kandidati prospettivi miż-żewġ partiti.

**27.4.12 Bus Shelters**

Il-President semma li wara li l-kwistjonijiet li kien hemm ġew riżolti, minħabba li t-talba issa hiaj waħda kbira, ġew stabbiliti threshold ta' 12,000 passiġġier fis-sena sabiex tibda tigħata prijorita' ta' installazzjonijiet ġodda.

**27.4.13 COLA**

Il-President semma li kien wasal il-parir tal-avukat rigward il-COLA relatat ma' talbiet ta' ħlasijiet lill-kuntratturi tal-ġbir ta' skart. Semma li l-parir huwa simili għal dak li għandha d-Diviżjoni u li ser tkun qed tinħareġ direttiva f'dan ir-rigward mid-Diviżjoni.

**27.4.14 Open Day – Gvern Lokali**

Fuq proposta tal-President issekondata mill-Eżekuttiv kien hemm qbil li tiġi organizzata open day bit-tema Gvern Lokali. Semma li din għandha tiġi organizzata lejn Mejju u li ssir f' post pubbliku bħalma huwa Ta' Qali.

**27.4.15 Rimborż mill-iskemi rigward ġbir ta' skart riċiklabbli.**

Il-President semma li s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi kiteb li huwa m' għandux oġġezzjoni ladarba l-Kummissarju ta' Taxxi jkun ta wkoll l-komfort tiegħu li mhux tinkisser l-ebda liġi.

## 27.5 Komunikazzjoni mill-President

**27.5.1 NESSY Literacy Programme**

Il-President semma li bħala parti mill-All Digital Week, l-assoċjazzjoni ser tkun qed tnidi inizjattiva sabiex jiġi mqassam literacy programme f' kull Kunsill sabiex ikun aċċessibbli għal tfal li jżuru l-libreriji. Fuq proposta tal-President, issekondata

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | mis-Sur Clifford Galea Vella, l-Eżekuttiv approva din l-inizjattiva. |
| **27.5.2 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li l-laqgħat kienu reġgħu waqfu u li l-UĦM kienet talbet laqgħa b' urġenza mal-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti. Semma li dan il-ftehim ijlu skadut mis-sena 2016 u semma wkoll li ijlu jiġi diksuss minn dak iż-żmien. |
| **27.5.3 Mission Statement AKL** | Il-President li t-tfassil ta' dan id-dokument qed jiġi konkluż. Semma li ser ikun qed isejjaħ aktar laqgħat anki mal-accountant tal-Assoċjazzjoni qabel ma jippreżenta drfat tiegħu lill-Eżekuttiv. |
| **27.5.4 Rapport mill-Kunsill Ewropew** | Il-President li l-assoċjazzjoni u dawk kollha li pparteċipaw fil-monitoring visit organizzata mill-Kunsill Ewropew kienu rċivew ir-rapport fuq il-Gvern Lokali ġewwa Malta u ntalbu sabiex jagħtu rispons. |
| **27.5.5 Mons Summit ġewwa Brussel** | Il-President semma li s-Summit kien sar u id-diskussjoni kienet tirrigwardja l-aktar fuq social cohesion. |
| **27.5.6 CEMR** | Il-President semma li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ser jattendu għal-laqgħa tal-Presidenti u Segretarji tal-Assoċjazzjonijiet organizzata ġewwa Ċipru mis-CEMR. |
| **27.5.7 All Digital General Assembly** | Il-President semma li din ser tkun organizzata nahar il-15 ta' Mejju ġewwa Brussel. Semma li minħabba li l-AKL issottomettiet l-applikazzjoni għas-Summit 2025, għal din il-laqgħa ser tkun qed tattendi ħaddiema tal-AKL li qed taħdem fuq il-proġett. |
| **27.5.8 Seminar organizzat minn ĠEMMA** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għall-seminar organizzat mill-Aġenzija Ġemma. |
| **27.5.9 Performance Bonus Segretarju Eżekuttiv** | Il-President semma li fl-aħħar id-Dipartiment kien bagħat l-approvazzjoni tal-performance bonuses tas-Segretarji. Semma li bħala Assoċjazzjoni dan il-bonus kien approvat li jingħata mas-salarju ta' Marzu. Dan minħabba d-dewmien bla bżonn li d-Diviżjoni ħadet sabiex taġġudika l-performance tas-Segretarji abbażi tas-sena 2023. |

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | Il-President irrimarka li huwa ser ikun qed jitlob awditjar fuq is-sistema mħaddma sabiex ingħataw dawn il-marki, semma li huwa evidenti li l-marki ġewwa mogħtija bla bażi u mingħajr attenzzjoni. Dan juri biċ-ċar wara li ġew ikkontestati xi marki li ngħtaw u li minflok ingħatat ġustifikazzjoni tibdlu l-marki għax kien elenkat li kien hemm żball. |
| **27.5.10 Train the trainer** | Il-President semma li kien qed jattendi taħriġ organizzat mid-Diviżjoni. Semma li dan ser iwassal biex jibda kors introduttorju lis-Segretarji Eżekuttivi. |
| **27.5.11 Global Council for Political Renewal** | Il-President semma li kien hemm stedina lill-Assoċjazzjoni imma din kienet wisq short notice kif ukoll l-ispejjeż biex wieħed jasal sal-post tal-konferenza ma kienux pjanati li jsriu. |
| **27.5.12 Mental First Aid** | Il-President semma li kien hemm konkorrenza tajba għall-kors tal-Mental First Aid ta' din is-sena. Semma li dan il-kors sar ma' Richmond Foundation u li kien maqsum fuq żewġ cohorts. Semma li ċ-ċertifikati huma wkoll akkreditati. |
| **27.5.13 First Aid u Fire Fighting Courses** | Il-President semma li matul ix-xahar t' April għal sena oħra ser jerġa' jkunu offruti korsijiet fuq l-Ewwel Għajnuna kif ukoll dak ta' Tifi tan-Nar lill-ħaddiema tal-Kunsilli kif ukoll lill-Membri Eletti. |

**27.6 Aġġornament**

27.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nahar it-Tnejn, 29 t' April 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.28 li nżammet nhar l-Erbgħa, Tnejn, 29 t' April 2024 4 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Mario Fava** | **Lianne Cassar** |
| **President** | **Segretarju Eżekuttiv** |